MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tat-18 ta' April, 2007

Citazzjoni Numru. 161/2000/1

John Baptist Spiteri

Vs

Michael Calleja

**Din hija kawza dwar talba ghall-likwidazzjoni ta' danni in segwitu ghall-incident li fih l-attur jallega li gie aggredit mill-konvenut.**

Permezz ta' citazzjoni prezentata fit-18 ta' Settembru 2000, l-attur ippremetta li fit-3 ta' Novembru 1999 ghal habta tas-6.00 ta' filghaxija, fi Triq il-Gonna, Ghajnsielem huwa gie aggredit u msawwat mill-konvenut ghal xejn b'xejn u minghajr ebda provokazzjoni li min-naha tieghu hebb ghalih bi strument li jaqta' u bil-ponta u kkagunalu feriti ta' natura gravi u sfregju f'wiccu. L-attur kompla jippremetti li b'rizultat ta' din l-aggressjoni huwa sofra wkoll danni materjali li jinkludu telf ta' qliegh u profitti

kemm dam barra mix-xoghol. L-attur ghalhekk talab lill-Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghal dan l-incident u f'liema incident l-attur safa' aggredit u imsawwat mill-konvenut, li kkagunalu feriti ta' natura gravi u sfregju f'wiccu, liema incident sehh minghajr ebda provokazzjoni da parti tal-attur u minghajr ebda gustifikazzjoni da parti tal-konvenut.
2. Tillikwida d-danni sofferti, li huma danni sew materjali kif ukoll minhabba l-isfregju minnhu soffert u minhabba telf ta' xoghol u profitti sofferti mill-attur sakem dam ma dahal lura ghax-xoghol.
3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur id-danni hekk likwidati.

Permezz ta' nota ta' l-eccezzjonijiet prezentata fid-9 ta' Novembru 2007[1], il-konvenut eccepixxa:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress illi l-konvenut fl-ebda hin ma aggredixxa jew sawwat lill-attur izda kien l-attur innifsu illi dahal fil-proprjeta' tal-konvenut u hedded u sawwat lill-konvenut li min-naha tieghu kull ma ghamel kien li iddefenda ruhu.
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost mhux minnu illi l-attur sofra xi danni materjali, feriti gravi u sfregju f'wiccu kif ukoll telf ta' qliegh u profitti kemm dam barra mix-xoghol tieghu.

Rat id-digriet moghti fis-seduta tal-14 ta' Dicembru 2000[2] li permezz tieghu gie nkarigat Dr. Frank X. Darmanin sabiex jezamina lill-attur u jirrelata dwar l-isfregju li qieghed jallega l-attur.

Rat ir-rapport tal-perit mediku prezentat fit-2 ta' April 2001[3].

[1] Fol. 7.
[2] Fol. 10.
[3] Fol. 32.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz l-affidavit tal-konvenut, it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u d-dokumenti li gew prezentati matul il-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta' Marzu 2007 li permezz tieghu l-kawza giet differita ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:-

1. Il-fatti l-iktar rilevanti li johorgu mill-atti huma s-segwenti.

(a) Il-kawza tittratta incident li sehh fit-3 ta' Novembru 1999 fi Triq il-Gonna, Ghajnsielem ghal habta tas-6.00 p.m.
(b) Dakinhar l-attur kien qieghed isuq *scammel*. Fiz-zmien tal-incident l-attur kien jaghti dan is-servizz bhala *sub-contractor* lill-Ko-operattiva Indafa Pubblika.
(c) Fuq wara tat-trukk kien hemm Patrick Sultana u Daniel Grima. It-trukk misjuq mill-attur kien miexi bil-mod peress li kien qieghed jingabar l-iskart minn dawn il-persuni.
(d) Meta t-trukk kien diga' ghadda minn quddiem il-proprjeta' tal-konvenut, waqaf ftit l-isfel. L-attur nizel mit-trukk u avvicina lill-konvenut li nzerta kien qieghed fuq il-post jaghmel xi xoghol. Imbaghad inqala' l-incident fejn il-partijiet gew fl-idejn. Hemm verzjonijiet kontrastanti ta' dak li gara qabel l-attur waqqaf it-trukk u nizel.
(e) Jidher li l-konvenut kien urtat li l-iskart jithalla vicin il-proprjeta' tieghu. Il-Qorti tifhem li l-proprjeta' tal-konvenut hija kantuniera ta' Triq Bahhara li fiha t-trukk ma kienx jidhol. Allura r-residenti ta' Triq Bahhara kienu jhallu l-iskart taghhom fil-kantuniera li tigi proprju fejn hemm il-proprjeta' tal-konvenut. Il-konvenut ighid li kien diga' lmenta mal-Kunsill Lokali u li dakinhar kien irrabjat.
(f) F'dan l-incident l-attur sofra griehi, fosthom qata' fuq in-naha tal-lemin tal-geddum. Fis-seduta tad-29 ta' Marzu 2007 il-Qorti kellha l-opportunita' li tara lill-attur mill-vicin, u jirrizulta li fuq in-naha tal-lemin tal-geddum ghandu cikatrici li ghandha tul ta' xi tlett (3) centrimetri.

(g) Dakinhar stess l-attur mar il-Health Centre ta' Victoria, Ghawdex fejn gie mdewwi ghall-griehi li garrab f'dan l-incident. Gie rilaxxat certifikat mediku[4] mit-tabib Dr. Teddy George Farrugia minn fejn jirrizulta li l-attur kellu ferita fil-geddum, f'sidru u xi brix f'irkobtu. It-tabib iccertifika dawn il-griehi bhala *"of a slight nature"*.

(h) Fis-6 ta' Novembru 1999 il-konvenut mar l-Isptar Generali ta' Ghawdex u gie mdewwi ghal xi griehi u ugiegh li kellu. Huwa qal lit-tabib li rah (Dr. Ian Galea) li tlett ijiem qabel kien involut fi glieda. Mid-dokument li jinsab a fol. 229 tal-process jirrizulta li l-konvenut kien qieghed jilmenta minn ugiegh fi spalltu x-xellugija, ugiegh f'ghajnejh tax-xellug, barxa f'idu tax-xellug u ugiegh f'subajgh iz-zghir ta' l-id tax-xellug.

(i) Skond il-perit gudizzjarju, ic-cikatrici li l-attur ghandu fil-geddum hi ta' natura permanenti u wiehed jista' jnaqqas l-effett taghha b'intervent li jiswa bejn mija u hamsin lira Maltija (Lm150) u mija u hamsa u sebghin lira Maltija (Lm175)[5]. L-istess perti gudizzjarju qal li *"….. in view of the residual facial scarring, I rate Mr. John Baptist Spiteri's permanent disability in the region of 5%"*[6].

(j) Mill-perjodu tal-4 ta' Novembru 1999 sat-28 ta' Novembru 1999 l-attur ma rraportax ghax-xoghol. L-attur kien jithallas bir-rata normali ta' tmien liri u sittax-il centezmu (Lm8.16) ghal kull gurnata xoghol li kien jaghmel bi *scammel*. Matul dan il-perjodu x-xoghol tal-attur ghamlu haddiehor u ghalhekk il-Ko-Operattiva Indafa Pubblika hallset lil din il-persuna[7].

2. Kif rajna l-kawza odjerna hija wahda ghad-danni. L-Artikolu 1031 tal-Kodici Civili jipprovdi li kull persuna twiegeb ghall-hsara li tigri bi htija taghha. L-Artikolu 1032(1) ikompli li:- *"Jitqies fi htija kull min bl-eghmil tieghu ma juzax il-prudenza, diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja"*. Il-principju hu li f'kaz ta' danni li jigu

[4] Fol. 25.
[5] Ara rapport tal-perit gudizzjarju a fol. 32-35.
[6] Fol. 35.
[7] Xhieda ta' Victor Attard moghtija fis-seduta tal-5 ta' Ottubru 2001 (fol. 38-39).

kkagunati fi glieda ghandhom jigu applikati l-principji tad-dritt kriminali, fosthom dak li jissejjah *"system of conduct"*[8].

3. Il-konvenut iddefenda ruhu f'dawn il-proceduri fis-sens li huwa nnega li aggredixxa jew sawwat lill-attur u skond hu, kull ma ghamel kien li **ddefenda ruhu mill-aggressjoni tal-attur**. Fir-rigward tad-difiza ta' legittima difiza, l-Artikolu 223 tal-Kodici Kriminali (Kapitolu 9) jipprovdi illi:-

***"Ma hemmx reat meta l-omicidju jew l-offiza fuq il-persuna huma ordnati jew permessi mil-ligi jew mill-awtorita' legittima, jew mehtiega mill-bzonn attwali tad-difiza legittima ta' wiehed innifsu jew ta' haddiehor"***.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet "**Il-Pulizija vs Salvu Psaila"** deciza fid-9 ta' Novembru, 1963 (per Onor. Imh. A.V. Camilleri) inghad illi:-

*" … l-gustifikazzjoni tal-legittima difiza timplika li:*

*1) Id-deni li jigi repellit mill-agenti **jkun ingust fil-kawza tieghu u l-attakk ta' l-assalitur ikun ingust u illegittimu** u ghalkemm dan irid jigi rigwardat fis sens intrinsiku u mill-impressjoni soggettiva li jircievi l-vjolentat eppure min bl-imgieba u kontenju tieghu, ikun kawza mmedjata qabel ma jinstab fil-perikolu ma jikkompetilux li jkollu l-impunita` pjena jew shiha;*
*2) Id-deni jrid ikun **attwali u prezenti** filwaqt tar-reazzjoni; u fl-ahharnett li*
*3) Id-deni jkun **inevitabbili**[9] l-ghaliex bla ma jkun hemm in-necessita` tad-difiza r-reazzjoni ta' min*

[8] Ara f'dan is-sens sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet **Francesco Gauci vs Salvatore Gauci** deciza fit-30 ta' Novembru 1956 (Vol. XL.i.376) li ghaliha saret ukoll riferenza fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili (presjeduta mill-Onor. Imhallef P. Sciberras) fil-kawza fl-ismijiet Anthony Galea vs Giuseppi Galea deciza fit-28 ta' April 2003.

*igib 'il quddiem il-"feci sed jure feci" ma jistax jghid li jkun ipprova llegittimita` ta' l-att 'per se' antiguridiku tieghu. Jinghad imbaghad li huwa accertat fid-Dottrina li d-deni minaccjat u l-perikolu sovrastanti jridu jkunu ta' gravita` u bejniethom (deni minn banda u perikolu minn naha l-ohra) il-fatt tar-reazzjoni estrinsikata biex l-istess deni jigi evitat irid ikun hemm proporzjonalita`."*

Fis-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, hawn fuq imsemmija[10], gie osservat:-

*"Hi gurisprudenza konkordi illi rekwizit indispensabbli tal-legittima difiza hu l-inevitabilita', u allura certament ma tistax tigi nvokata minn minn mhux talli ma evitax l-okkazjoni, imma holoqha hu stess u fittixha ("Il-Pulizija vs Philip Muscat"), Appell Kriminali, 12 ta' Marzu 1960). F'kaz bhal dan ikun hu stess il-provokatur u allura la jista' jiddefendi ruhu bil-legittima difesa u lanqas bl-iskuzanti tal-passjoni (calor rixae);*

*Jinghad a propositu fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Maria Agius", Appell Kriminali, 22 ta' Ottubru 1960, "ma tistax tigi invokata din id-difiza meta min jinvokaha kien hu li aggredixxa l-ewwel; u l-aggressur ma tantx jista' jitlob l-istat ta' legittima difiza; u lanqas kwindi, l-eccess tad-difiza, li tezigi appuntu dak l-istat"*.

Skond l-awturi Andrea Torrente u Piero Schlesinger, ***"la difesa, peraltro, deve essere proporzionata all'offesa che si voleva respingere: altrimenti la reazione***

---

[9] Fis-sentenza Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-24 ta' April 2003, saret riferenza ghal dak li nghad minn ***Lord Justice Widgery*** fil-kawza
**"R vs Julien"** ([1969] 1 WLR 839): *"It is not ... the law that a person threatened must take to his heels and run in the dramatic way suggested by Mr. McHale; but what is necessary is that he should demonstrate by his actions that he does not want to fight. He must demonstrate that he is prepared to temporise and disengage and perhaps to make some physical withdrawal; and that that is necessary as a feature of the justification of self-defence is true, in our opinion, whether the charge is a homicide charge or something less serious".*

[10] Ibid sentenza **Anthony Galea vs Giuseppi Galea** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili.

***eccessiva none e' piu giustificata es si e' responsabile del danno cosi provocato (c.d. eccesso colposo)"***[11]. Fil-kawza **Il-Pulizija vs Toni Micallef** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-16 ta' Ottubru 1937 gie osservat li, *"jekk wiehed seta' jevita l-hsara billi jahrab, u minflok huwa rreagixxa u kkaguna hsara lill-aggressur, huwa ma jimmeritahx il-gustifikazzjoni tal-legittima difiza, imma jisthoqqlu biss l-iskuzanti tal-provokazzjoni"*[12].

4. Dan huwa kaz li l-ezitu tieghu jiddependi mill-apprezzament ta' provi li ressqu l-partijiet. Kull parti tat verzjoni differenti ta' l-incident. Hekk per ezempju l-attur spjega:-

*"Ersaqt lejh u hemmhekk dan Calleja beda jxejjer il-mus u jitfa' l-gebel. Milqut f'zaqqi u geddumi. Jiena lill-haddiema smajthom ighiduli: "Tersaqx lejh ghax ghandu l-mus". Fil-fatt jiena lil Calleja rajtu li kellu mus f'id wahda u gebel f'ohra…………Hu hemmhekk beda jitfaghli l-gebel pero; ma laqatnix"*[13].

Min-naha l-ohra l-konvenut xehed:-

*"ix-xufier gie jigri fuqi u beda jghajjat "inti qed titfaghli z-zibel fin-nofs ?". It-twegiba tieghi kienet li "iva, kont jiena li rmajt il-borza taz-zibel ghax ma ridtx iz-zibel tan-nies quddiem hwejgi". Dak il-hin hu xejjirli daqqa' ta' ponn u hakimni ftit peress li jiena ippruvajt nevita d-daqqa. Peress li d-daqqa gietu kwazi fil-vojt, l-istess persuna tilef bilanc u waqa' ghall-wiccu. Jiena niftakar li hu kien waqa' fuq borg gebel li kien hemm fl-art. Kif qam mill-art, hu tani daqqa ta' ponn ohra di spallti, u jiena peress li bzajt ghall-hajt, ersaqt lura, qbadt gebla u tfajtilu. Sa fejn naf jien ma kontx ilqattu b'din il-gebla. Jiena f'idejja malajr qbadt pipe*

[11] *Manuale di Diritto Privato,* para. 392, pagna 669. Hekk ukoll l-awtur Giovanni Visintini, *Trattato Breve della Responsabbilta' Civile* (Cedam) 1996 pagna 484 isostni li sabiex tkun tista' tirnexxi difiza ta' legittima difesa wiehed mill-elementi mehtiega huwa ***"l'equivalenza (o proporzionalita') tra la difesa e l'aggressione".***
[12] Vol. XXIX.iv.764.
[13] Xhieda moghtija fis-seduta tat-30 ta' Marzu 2001 (fol. 19-20).

*tal-plastik u bdejt inxejjru biex l-attur ma jersaqx lejja”*[14]. Sahanistra l-konvenut qal li fl-ebda hin ma laqat lill-attur b'xi haga u *“…..ghalhekk il-ferita illi huwa kellu f'wiccu ma stajtx ghamiltilu jiena. Pero' l-ferita' seta' kienet ikkawzata meta l-attur waqa' fil-mument li kien gie jipprova jaghtini daqqa ta' ponn. Nispjega li fl-art li fuqha kien gie meta' waqa', kien hemm kemm landi, kif ukoll hgieg u gebel”*[15].

5. Issa, fejn il-versjonijiet provvduti mill-kontendenti huma dijametrikalment opposti, jinsab deciz illi *“mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita` li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' l-“in dubio pro reo”. Il-konflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soggett ghal l-izbalji tal-percezzjonijiet tieghu u ghall-passjoni, huma haga li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti ghaliha … … . Meta l-kaz ikun hekk, il-Qorti m'ghandhiex taqa' comb fuq l-iskappatoja tad-dubju, imma ghandha tezamina bl-akbar reqqa jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc talprobabilita` u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawza civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant … … . Anzi, f'kazijiet bhal dawn, aktar ma jkun il-konflitt bejn versjoni u ohra, aktar tidher il-possibilita` tal-qerq da parti ta' xi wiehed mill-kontendenti.”*- “**Carmelo Farrugia -vs- Rokku Farrugia**”, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (presjeduta mill-Onor. Imhallef M. Caruana Curran) fl-24 ta' Novembru 1966.

Fil-kwadru ta' fatti u verzjonijiet kontrastanti li nghataw, il-Qorti jkollha tkun gwidata minn dawn il-principji fl-evalwazzjoni ta' l-istess fatti:

(1) Li taghraf tirrikava korroborazzjoni li tista' tikkonforta t-tezi ta' naha wahda jew ohra fost il-kontendenti. Dan bl-adoperu tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u tal-versomiljanza,

[14] Fol. 176-177.
[15] Fol. 177.

in kwantu dawn huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant. (**Kollez. Vol. L P II p 440**);

(2) Li tara jekk huwiex il-kaz li tapplika xi wahda minn dawn il-massimi: "*actore non probante reus absolvitur*" jew "*reus in excipiendo fit actor*"

(3) *"fi kwistjoni ta' kredibilita` u apprezzament ta' provi il-kriterju ma huwiex jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjoni imma jekk dik l-ispjegazzjoni hiex possibbli u minn lewn id-dinja fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja"* – "**Joseph Borg et -vs- Joseph A. Bartolo**", Appell Sede Inferjuri[16].

6. L-incident li huwa l-meritu ta' din il-kawza assistew ghalih Patrick Sultana u Daniel Grima li ghal dakinhar kienu qeghdin jahdmu mal-attur jigbru l-iskart:-

(a) **Patrick Sultana** xehed fit-30 ta' Marzu 2001[17] u kkonferma li huwa ra lill-konvenut jaggredixxi lill-attur b'mus u gebel li beda jitfa' lill-attur. Ikkonferma li l-attur kellu d-demm f'zaqqu u f'geddumu. Min-naha tieghu l-konvenut qieghed isostni li dan ix-xhud m'huwiex kredibbli ghaliex meta xehed in kontro-ezami ta verzjoni differenti. Il-kontro-ezami sar fl-4 ta' Ottubru 2005, igifieri kwazi sitt (6) snin wara li sehh l-incident. Huwa minnu li l-verzjoni moghtija minn dan ix-xhud f'dan l-istadju tal-proceduri hi li z-zewg partijiet bdew jixhtu l-gebel fid-direzzjoni ta' xulxin. Pero' x-xhud rega' kkonferma li fil-hin ta' l-incident il-konvenut kellu mus u gebla f'idu. Mistoqsi biex ighid min hebb ghal min l-ewwel, in kontro-ezami x-xhud wiegeb *"__**ma niftakarx**__ **min beda jaggredixxi**. Naf li bdew jiggieldu bil-gebel imbaghad wara ftit dak kellu l-mus f'idejh u* ***beda jxejru wkoll****"*[18].

(b) **Daniel Grima** xehed fil-25 ta' Gunju 2003[19] u kkonferma li huwa kien zvojta barmil bl-iskart ghal gewwa

[16] 25 ta' Gunju 1980 (presjeduta mill-Onor. Imhallef Maurice Caruana Curran).
[17] Fol. 28-29.
[18] Fol. 158.
[19] Fol. 58.

l-iscammel u mbaghad poggieh lura vicin il-proprjeta’ tal-konvenut. Il-konvenut hareg mill-bieb u ta daqqa ta’ sieq lill-barmil li spicca fin-nofs tat-triq. Kompla jghid li l-attur nizel mit-trukk u staqsihom ghalfejn hallew il-barmil f’nofs it-triq u wiegbu li kien il-konvenut li tah daqqa ta’ sieq. L-attur mar hdejn il-konvenut u *“….kien hemmhekk li rajt lill-konvenut b’mus f’idejh* ***u beda jxejru fid-direzzjoni tal-attur****. Jiena osservajt dan il-mus jolqot lill-attur x’imkien f’zaqqu”*. Kompla jzid, *“anke rajt lill-konvenut jolqot, jaghti daqqa b’gebla li kellu f’idu f’wicc l-attur”*. In kontro-ezami[20] insista li l-konvenut kellu mus u gebla f’idu, u li huwa aggredixxa lill-attur l-ewwel u mbaghad inqala’ l-glied. Filwaqt li kemm fl-ezami u fil-kontro-ezami inizjalment qal li kien semgha lill-attur jistaqsi lill-konvenut ghaliex kien ta daqqa ta’ sieq lill-barmil, iktar ‘il quddiem meta kien qieghed isirlu ri-ezami qal li ma semax lill-attur ighid xi kliem lill-konvenut.

7. Il-Qorti hija tal-fehma li l-verzjoni tal-fatti moghtija mill-attur ta’ kif beda dan l-incident hija iktar verosimili. Il-konvenut xehed[21] li ghal habta tas-1.30 p.m. kien irrabjat ghaliex kienu tqieghdu boroz ta’ l-iskart ma’ gemb il-proprjeta’ tieghu u kien qabad borza minnhom u teffaghha f’nofs it-triq. Skond il-konvenut, meta ghadda l-iscammel minn quddiem ir-residenza tal-konvenut, Patrick Sultana jew Daniel Grima qalu lill-attur li l-borza kien teffaghha l-konvenut. Kien hawn li skond il-konvenut l-attur waqqaf it-trukk, nizel u hebb ghall-konvenut. Fil-fehma tal-Qorti dan huwa mprobabbli in kwantu dawn iz-zewg xhieda ma kienux jahdmu regolarment mal-attur u dakinhar kienu qeghdin jaghmluha biss ta’ sostituti. Lanqas ma rrizulta li kien hemm xi okkazzjonijiet precedenti fejn il-konvenut kien ilmenta ma’ xi wiehed minn dawn iz-zewg xhieda jew kien inqala’ xi incident precedenti. Inoltre, wiehed ma jifhimx kif xi hadd minnhom seta’ jghid hekk meta ma rrizultax li kienu prezenti fuq il-post fil-hin li l-konvenut ighid li tefa’ l-borza ghal nofs it-triq.

---

20 Seduta tal-4 ta’ Ottubru 2005 (fol. 142 – 153).
21 Fol. 176.

Mill-provi, il-Qorti hija tal-fehma li l-ferita li sofra l-attur giet ikkagunata minn daqqa moghtija mill-konvenut b'instrument. Bejn id-difiza moghtija mill-konvenut (dik ta' legittima difeza in kwantu ighid li kull ma ghamel kien li ddefenda ruhu) u x-xhieda tieghu hemm diskrepanza, in kwantu kemm fl-affidavit tieghu u kif ukoll fil-kontro-ezami xehed li huwa ma jafx li fl-incident laqat lill-konvenut. Il-konvenut xehed li l-attur seta' wegga' meta waqa' fl-art fejn kien hemm bottijiet tal-landa u hgieg. Filwaqt li l-konvenut ipprezenta tlett ritratti li juru l-post fejn sehh l-incident u sahansitra marka ta' sieq (li jghid li hi tal-attur) fil-konkos, ma ressaq l-ebda prova li ***"kien hemm kemm landi, kif ukoll hgieg u gebel"***[22]. Il-perit gudizzjarju li ezamina lill-attur xehed[23] li l-ferita f'geddum l-attur ma setghetx saret minn gebla[24], u kkonkluda li *"… hija maghmulha minn xi haga 'sharp';* ***xi haga taqta' tista tghidilha***"[25]. Ix-xhieda, Patrick Sultana u Daniel Grima t-tnejn ikkonfermaw li raw lill-konvenut b'mus f'idejh u rawh ixejru. Dan kemm meta xehedu l-ewwel darba u wkoll fil-kors tal-kontroezami. Wiehed irid japprezza wkoll li meta sarilhom il-kontro-ezami kien snin wara li sehh l-incident. Wiehed ma jistax jistenna li fit-trapass ta' dawk is-snin kollha x-xhud ser ikun ezatt f'kull dettall li jaghti ta' dak li jkun gara snin qabel. B'daqshekk ma jfissirx li x-xhud kien qieghed bilfors jigdeb u jispetta lill-Qorti biex tara jekk ix-xhieda hijiex kredibbli. Minn ezami tax-xhieda l-Qorti temmen li l-konvenut ha sehem attiv fl-incident u li kuntrarjament ghal dak li qal, kien hu li kkaguna l-ferita f'wicc l-attur. Il-fatt li l-attur seta' waqa' meta l-kontendenti gew fl-idejn ma jfissirx li b'daqshekk il-ferita f'wiccu giet kagunata minn din il-waqa'. Anzi din hija biss suppozizzjoni li ghamel il-konvenut, li ma kienx f'posizzjoni li jghid li meta waqa' l-attur laqghat geddumu ma' xi oggett li kien hemm fl-art. Il-Qorti m'hijiex sodisfatta li fis-sitwazzjoni li sab ruhu fiha l-konvenut kien hemm bzonn li juza strument li jaqta' u jikkaguna ferita ta' natura gravi f'wicc l-attur. Il-konvenut kellu jipprova li dak li ghamel, ghamlu, minhabba fl-istat psikologiku li kien

[22] Fol. 177 (affidavit tal-konvenut).
[23] Seduta tal-4 ta' Ottubru 2005.
[24] Fol. 162.
[25] Fol. 164.

jinsab fih f'dak il-mument, sabiex jevita xi periklu li ma setax jigi evitati b'mod iehor. Din il-prova l-konvenut ma rnexxilux jaghtiha. Ghalhekk il-Qorti hi tal-fehma li d-difiza li l-konvenut kien sempliciment qieghed jiddefendi ruhu, ma tistax tirnexxi. Anke jekk ghall-grazzja tal-argument biss wiehed kellu jaccetta li kien l-attur li ta lok biex beda dan l-argument, ir-rejazzjoni tal-konvenut ma kienitx proporzjonali ghall-offiza li ried jirrespingi. Il-Qorti ghalhekk hija tal-fehma li l-konvenut ghandu jinzamm responsabbli ghall-griehi li garrab il-konvenut f’wiccu.

8. Fir-rigward tal-likwidazzjoni ta’ danni jirrizulta li l-attur ghamel sitta u ghoxrin (26) gurnata ma jirraportax ghax-xoghol. Il-hlas kien ta’ Lm8.16 ghal kull gurnata, igifieri mitejn u tnax il-lira Maltija u sittax-il centezmu (Lm212.16). L-attur xehed li huwa kien jahdem bl-iscammel u wkoll bit-taxi. Min-naha ta’ l-attur ma ressaq l-ebda prova ta’ x’telf ta’ qliegh kellu fil-granet li ma hadimx bit-taxi wara l-incident. In-nota u dikjarazzjoni annessa maghha li gew prezentati mill-attur fid-9 ta’ Jannar 2007[26] m’humiex prova, mehud ukoll in konsiderazzjoni li l-konvenut qieghed jikkontestahom u d-dikjarazzjoni rilaxxata minn Joseph Cordina ma gietx konfermata bil-gurament u ma tati l-ebda spjega tal-qliegh li kellu l-attur mix-xoghol bit-taxi fil-perjodu in kwistjoni. L-oneru tal-prova kien jinkombi fuq l-attur li naqas milli jressaq provi f’dan ir-rigward.

9. Mir-rapport tal-perit mediku jirrizulta li c-cikatrici li l-konvenut ghandu f’wiccu tista’ titranga xi ftit (imma ma tistax tmur ghal kollox) jekk isirlu intervent li jiswa bejn mija u hamsin lira Maltija (Lm150) u mija u hamsa u sebghin lira Maltija (Lm175). Fir-rigward ta’ debilita permanenti, huwa minnu li l-perit mediku ccertifika li l-attur qieghed ibaghati minn debilita’ ta’ hamsa fil-mija (5%) pero’ ma spjegax kif wasal ghal dan il-persentagg. Mill-provi rrizulta li fiz-zmien ta’ l-incident l-attur kien sewwieq ta’ *scammel*. Huwa jahdem ukoll bit-taxi. Pero’ l-Qorti

[26] Fol. 231 u 232.

m'hijiex sodisfatta li saret prova li l-gerha li sofra f'wiccu waslet ghal xi telf ta' qliegh jew li ser twassal ghal xi telf ta' qliegh fil-futur. Fil-kawza fl-ismijiet **Anthony Zerafa et nomine vs Joseph Sacco** deciza fl-1 ta' Ottubru 2003 il-Prim Awla tal-Qorti Civili irriteniet li *"hsara kawzata f'wicc persuna ma hijiex kwistjoni ta' hsara morali izda certament wahda ta' dannu u pregudizzju fiziku f'wicc l-istess persuna li certament thalli l-konsegwenzi taghha kemm fizici u kemm psikologici, u li wiehed jittratta tali dannu manifest u palez bhala kwistjoni merament ta' danni morali hija, sottomissjoni mill-iktar simplicita' li tinjora ghal kollox il-valur ta' l-estetika umana fejn certament li l-apparenza ghandha il-valur taghha rejali, u wkoll vitali li jvarja skond in-natura ta' xoghol jew attivita' li jkun intraprenda jew jista' jintraprendi s-suggett in partikolari; dan apparti konsiderazzjonijiet ohra rilevanti dwar il-kwalita' ta' hajja ta' dak li jkun."*. Imbaghad fil-kawza fl-ismijiet **Alex Vella Falzon vs Goerge Vassallo** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (presjeduta mill-Onor. Imhallef J. Said Pullicino) fil-5 ta' Ottubru 1993 intqal hekk:- *"…. L-attur fieq sewwa mill-griehi li kellu sal-punt li ma kellux isofri konsegwenzi fil-kapacita' lavorattiva tieghu. Dan ma jfissirx pero' li l-attur ma sfora l-ebda danni tangibbli. Il-qorti ma tikkondividix l-opinjoni li una volta ma rrizulta l-ebda grad debilita' permanenti, allura l-kaz ghal lucrum cessans huwa maghluq. Ma tarax kif tista' tittratta l-griehi permanenti u l-manifestazzjoni taghhom permezz ta' l-iscars li jsofri l-gisem tal-bniedem differentement minn hsara fuq bumper jew part ohra ta' karrozza danneggjata. Mhux legittimu li wiehed jesigi li min hu responsabbli ghall-incident ghandu jbiddel part ta' karrozza meta din ma tkunx tista' tissewwa b'mod perfett jew ghax il-vettura tkun gdida, imma li ma ghandu jaghmel tajjeb ghal xejn jekk min korra ser jibqa' sfigurat ghal ghomru ghax dak l-isfregju mhux ser jaffettwalu l-qligh tieghu. Mhux korrett li dawn l-iscars jigi ekwiparati ghal pain and suffering, kuncett pjuttost astratt u intangibbli. L-iscars huma ghal kuntrarju hsara reali u tangibbli li, fit-teorija, il-konvenut hu tenut li jirrimedja ghaliha"*. Fic-cirkostanzi attwali l-Qorti ser tghaddi biex tillikwida somma *arbitrio boni viri* wara li kellha wkoll l-opportunita' li tara c-

cikatrici li ghadha tidher f'wicc l-attur, ghas-somma ta' elf u hames mitt lira Maltija (Lm1,500).

10. Il-Qorti ser tirrizerva wkoll id-dritt lill-attur ghal danni futuri fl-eventwalita' li jaghzel li jaghmel l-intervent mediku li jissemma fir-rapport tal-perit mediku. F'dan ir-rigward il-Qorti taghmel riferenza ghall-kawza fl-ismijiet **Georgina Vella vs Emanuel Caruana et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-25 ta' April 1986 inghad: *"ma jistax jigi eskluz li l-attrici f'xi zmien futur issofri minn osteoartrite li ma kinitx issofri minnha kieku ma kienx ghall-incident prezenti jew li ssofri minn osteartrite fi grad akbar milli kienet issofri minhha kieku ma kienx ghall-incident. Ghalhekk huwa opportun li f'dan il-kaz il-Qorti taghmel rizerva favur l-attrici ta' kull azzjoni futura, kif ghamlet f'kawzi ohra l-Qorti Civili"*. Hekk ukoll fil-kawza fl-ismijiet **John Azzopardi vs Francis Vella** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza fl-24 ta' Jannar 1962[27] inghad:- ***"Ghalhekk, f'dan il-kaz din il-Qorti hija tal-fehma li ma ghandu jigi akkordat ebda kumpens lill-attur ghal danni futur, imma li ssir rizerva favur tieghu ghal kull azzjoni futura jekk jirrizultawlu danni konnessi mal-lezjoni minnu sofferta, l-istess bhal ma sar f'kaz analogu fil-kawza in re Bartoli vs Bonnici deciza minn din il-Qorti fil-31 ta' Ottubru, 1956"***.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda taqta' u tiddecidi l-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, tilqa' t-talbiet tal-attur u:-

1. Tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-ferita ta' natura permanenti li l-attur sofra f'wiccu.
2. Tillkwida d-danni fl-ammont ta' elf sebgha mija u tnax-il lira Maltija u sittax-il centezmu (Lm1,712.16).
3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' elf sebgha mija u tnax-il lira maltija u sittax-il centezmu (Lm1,712.16).

[27] Vol. XLVI.i.555.

B'rizerva ghal kull azzjoni kif fuq indikat favur l-attur fl-eventwalia' li jaghzel li jaghmel l-intervent mediku li jissemma fir-rapport tal-perit mediku a fol. 34 tal-process.

Spejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------